# L-Ikla ta' l-Ghid

## Ir-rit tal-Liturgija Lhudija

Rev. Michael Bugeja

## L-GHID

*jew*

## IL-FESTA TA' l-Azzmi (Pesah)

It-tradizzjoni Lhudija kienet tahseb li Alla halaq id-dinja fix-xahar ta' Nisan u kien ghalhekk li l-kalendarju liturgiku kellu jibda proprju f'dan ix-xahar permezz tal-festa ta' l-Ghid. Din il-festa ta' l-Ghid tal-Lhud hija r-rizultat ta' zewg festi (Ez 23,15) maghquda flimkien: l-ewwel kienet dik li r-rghajja kienujiccelebraw fir-rebbiegha u fiha jaghmlu d-debha tal-haruf; l-ohra dik li fiha kienet issir l-offerta ta' l-ewwel gbir tar-raba. Dawn iz-zewg elementi baqghu hajjin fl-istess riti: fil-haruf u fil-hobz azzmu. Kien aktar tard li din il-festa hadet sinifikat gdid. Maz-zmien iffurmaw celebrazzjoni wahda u rit wiehed (ara Dewt 16,l-8). Kienet festa li ddum gimgha shiha.

Nhar l-10 tax-xahar ta' Nisan kienu jintghazlu l-hrief jew il-gidien ghas-sagrificcju li kellhom ikunu bla tebgha. Dawn il-vittmi tas-sagrificcju (hrief jew gidien) kienu jigu maqtula ma' nzul ix-xemx ta' l-14 tax-xahar ta' Nisan (Ez 12) mill-kap tal-familja u mbaghad id-demm jigi mraxxax mal-blata tal-bieb. Din il-festa fil-fatt kellha origini kompletament familjari. Kien biss meta kien hemm ic-centralizzazzjoni tal-kult fit-tempju ta' Gerusalemm fi zmien Gozija li kellu jsir xi tibdil f'dawn it-riti. Wara dan iz-zmien il-qtil tal-hrief u l-gidien kellu jsir fit-Tempju ta' Gerusalemm. Kull Lhudi kien joqtol il-vittma tieghu b'idejh stess imma issa huwa s-sacerdot li kien jigbor id-demm u bih iraxxax l-artal (Dewt 16,5-7; 2Kr 35,11).

L-ikla ta' l-Ghid baqghet issir fid-djar. Kienet issir meta jidhol il-lejl, fil-familji jew gruppi talinqas ta' 10 minn nies (Ez 12,1. 14). Sa' minn filghaxija tat-13 ta' Nisan il-kap tal-familja kien ifittex fl-irkejjen kollha tad-dar biex iwarrab kull hmira. Dan kien jista' jsir sas-sitt siegha (nofsinhar) tal-15 ta' Nisan. Din il-hmira misjuba kienet tinharaq. Il-vittma ta' l-Ghid ma kienetx tista' tintmiss ma' din il-hmira l-qadima u l-qtil tal-hrief kien jimmarka l-bidu tal-gimgha ta' l-Azzmi (Ez 34,25; 1 Kor 5,6-9) li kienjibqa'sejjersal-21 ta' Nisan. Matul din il-gimgha kien projbit li jittiekel hobz bil-hmira.

Originarjament jidher li l-offerta tal-hrief kienet speci ta' konsagrazzjoni tal-merhliet lil Jahweh. Kien aktar tard, proprju wara l-Egittu li din il-festa hadet tifsira ta' helsien u fl-istess hin ta' tifkira (Ez 12,14). Tifkira li kienet iggieghlhom jghixu mill-gdid l-esperjenza tal-helsien li kienu ghamlu missirijethom mill-Egittu. L-istruttura tac-celebrazzjoni kienet maghmula b'mod li l-istess celebrazzjoni kienet minnha nnifisha katekezi. Ic-celebrazzjoni familjari kienet tibda b'barka fuq tazza nbid. Jingiebu mbaghad fuq il-mejda l-hobz azzmu flimkien ma tahlita ta' speci ta' zalza li fiha jigi miblul il-hobz.

It-tifel il-kbir mbaghad kien jistaqsi lill-kap tal-familja: x'hemm differenti f'dan il-lejl mill-iljieli l-ohra? Hawnhekk il-kap tal-familja kien jirrakkonta l-grajja tal-helsien mill-Egittu (Dewt 26,5ss). Imbaghad kienet tigi pprezentata l-vittma ta' l-Ghid mixwija bin-nar. Tittiekel minghajr ma tinkisrilha ebda ghadma (Ez 12,46) flimkien ma' l-azzmi u haxix morr u fl-istess hin tigi mghoddija t-tieni tazza nbid waqt li tinghad il-Hallel (Salmi 113-114). Mat-tielet tazza nbid tinghad talba ta' radd il-hajr u mbaghad tinghad l-ahhar bicca tal-Hallel (Salmi 115-118) u bhala gheluq issir barka fuq ir-raba' tazza nbid.

Il-festa ta' l-Ghid kisbet il-valur ta' Patt ta' hbiberija bejn il-poplu u Alla (Ghan 18,6). Tant hu hekk li kienu jistghu jiccelebraw il-festa ta' l-Ghid dawk biss li jkunu dahlu jaghmlu parti minn dan il-Patt permezz tac-cirkoncizjoni (Ez

12,44.48). Din l-istess festa kisbet ukoll is-sinifikat tar-ritorn tal-poplu lejn il-Patt ma’ Jahweh (2 Kr 30; 3S1 23,2l-23; Ezd 6,19-22). Hekk l-Ghid kiseb valur messjaniku u ma kienetx haga barra minn postha li din il-festa tqajjem sens ta’ patrijottizmu qawwi tant li l-istess rumani kienu jhossu l-htiega li jghassu ahjar Gerusalem f’dawn iz-zminijiet ta’ festa (Lq 13, l-3)

Gesu wkoll iccelebra l-festa ta’ l-Ghid. U kien proprju waqt ic-celebrazzjoni ta’ din il-festa li waqqaf l-Ewkaristija (ara Lq 22, 7-13; ara wkoll 1 Kor 11,24ss). Fil-Vangeli nsibu li s-Sinottici jqieghdu l-ahhar ikla ta’ Gesu fl-14 ta’ Nisan, proprju fil-festa ta’ l-Ghid filwaqt li San Gwann ipoggiha fit-13 ta’ Nisan sabiex mbaghad nhar l-14 ta’ Nisan iqieghed il-mewt fuq is-salib biex igibha tahbat mal-waqt tal-qtil tal-hrief tas-sagrificcju fit-Tempju ta’ Gerusalemm. Gesù, fi kliem San Pawl, sar l-Ghid taghna (1 Kor 5,7). Il-paragun ta’ Gesu mal-haruf huwa komuni fil-Gdid Testment u dan biex juri l-karattru sagrifikali tal-mewt tieghu. San Pawl iqabbel ukoll il-hajja tal-komunità nisranija mal-hobz azzmu. Fil-fatt San Pawl jghid li l-hmira tixbah dak kollu li hu hazin filwaqt li l-azzmi juru l-valur tas-sewwa, tal-gdid, tal-awtenticità (1 Kor 5,7-8). Hekk, min jikkonverti kien bhall-azzmi. Huwa fdan is-sens li nifhmu ahjar xi tfisser meta Gesù jistieden sabiex il-poplu joqghod attent mill-hmira tal-Farizej, tas-Sadducej u tal-Erodjani. Hekk San Pietru jfakkar li l-insara jridu jorbtu l-qadd ta’ mohhom u jghixu fil-biza z-zmien tal-pellegrinagg ghaliex gew mifdija bid-demm ghaziz ta’ Kristu, il-haruf bla ebda tebgha u nuqqas (1 Pt 1,13-21). Il-komunità nisranija baqghet ticcelebra l-festa ta’ l-Ghid imma f’dawl gdid. Mhux aktar fl-istennija tal-Messija mwieghed imma fl-istennija tat-tieni migja tieghu u ta’ l-ahhar taz-zminijiet; mhux aktar il-helsien mill-jasar ta’ l-Egittu imma l-helsien permezz ta’ Kristu mir-rabta tal-hazin; mhux aktar l-ikla tal-haruf imma l-vgili ta’ l-Ghid li jintemm bil-Qsim tal-Hobz.

# DAHLA – IT-THEJJIJA

F’kull dar Lhudija fejn il-ligijiet jigu osservati sa l-anqas dettal, il-firda bejn l-Ghid u l-bqija tas-sena hija iktar qawwija mill-firda li tezisti bejn is-Sibt u l-bqija tal-gimgha. Ghall-Ghid, il-familja kollha tigi msoffija. Id-dar tinbidel vera f’koxer ghall-Pesah.

Dar bhal din tkun armata bi platti u b’dak kollu li hu mehtieg ghall-ikel li jintuza fl-ikla ta’ l-Ghid biss. L-ebda wiehed minn dawn l-oggetti ma jista’ jmiss jew jithallat ma’ xi oggett iehor li jintuza ghall-ikel matul il-bqija tas-sena. Il-platti ta’ l-Ghid jinhargu wara li l-platti l-ohra jkunu ntrefghu f’posthom ghal tul iz-zmien kollu tal-festa. Jekk il-familja m’ghandhiex platti, borom u puzati apposta ghall-uzu fl-Ghid, dawk li ghandhom, jigu msoffija f’rit specjali fejn jintuza mishun jaghli li wara jintrema’ fil-hamrija.

Minhabba li s-simbolu principali ta’ l-Ghid huwa l-ikel tal-hobz tat-tbatija jew mazzott catt, matul il-vaganza kollha l-Lhud kienu ankè jaslu biex jghassu l-ghelieqi tal-qamh li minnu jkun se jinhadem dan il-hobz, li l-qamh ma jiffermentax ruhu bil-moffa. Il-hobz catt ta’ l-Ezodu, kien mohmi b’ghaggla kbira minn ghaghna li ma kienetx mhollija tiffermenta u toghla. Sal-lum stess ghadek tara Bedwini fid-dezert tas-Sinaj jaghmlu l-istess hobz, billi jghagnu dqiq ma’ ilma u jahmuh mill-ewwel fuq nar bati. Fil-Medju Evu dan il-hobz kien jinhema d-dar, izda wara dahlet id-drawwa li jinhema fil-fran tal-komunità. It-toqob li naraw fuq il-mazzott isiru b’rota apposta bis-snien ippuntati, imsejha rejdel. Illum il-mazzott jinhadem go fabbriki taht supervizjoni stretta tar-Rabbini.

Wahda mill-ahhar cerimonji li jsiru, hija t-tfittxija fid-dar ghall-fdalijiet ta’ hobz mahdum bil-hmira. Din it-tfittxija ssir fl-ahhar lejl ta’ qabel ma jigi iccelebrat is-Seder. L-ewwel, in-nisa jnaddfu d-djar bhal ma jsir f’hafna postijiet fir-Rebbiegha, izda jithallew apposta ftit frak ta’ hobz mohmi bil-hmira mxerrdin mad-dar. Mbaghad issir purcissjoni mad-dar kollha immexxija mill-missier b’xemgha f’idu. Il-frak tal-hobz imholli ‘l hawn u ‘l hinn jinkines b’rixa go pala ta’ l-injam. Mbaghad jinharaq kollox; frak, rixa u l-pala b’kollox.

Illum, fejn hafna mir-regoli u drawwiet ma ghadhomx jigu osservati, il-festa ta’ l-Ghid tigi iccelebrata b’inqas skruplu. Hafna minn dak li hu mehtieg, tista’ tixtrih mill-hwienet, izda xorta wahda jibqa’ hafna x’wiehed ihejji.

L-ewwel u l-iktar importanti huwa l-mazzott. Dan huwa l-hobz catt li l-antiki kienu jindukraw b’tant skruplu sa minn meta jkun ghadu qamh. Il-platti bil-mazzott jitpoggew f’ras-il mejda u jigu mghottijin. Ghandhom jitpoggew taht sarvetta, jew inkella f’boroz tad-drapp apposta, li normalment ikunu mzejna b’disinji jew kitbiet mahdumin bir-rakkmu.

Mbaghad, jithejja l-platt ta’ l-Ghid, li fuqu jitpoggew hames tipi ta’ ikel simbolici. Jista’ jintuza platt ordinarju, izda l-ahjar jekk ikun platt kbir specjali, tal-fidda, jew xaqquf mzejjen b’taqsimiet ghal kull tip ta’ ikel.

It-tipi ta' ikel ghandhom jithejjew f'din l-ordni:



- **Haxix frisk tar-Rebbiegha.**
- Ghandhom jintuzaw tursin, hass u karfus. Minn dawn il-hxejjex, ghandu jkun hemm bizzejjed biex ikun jista' jigi mqassam lil kull min qed jiekol biex ibillu waqt l-ikla.

- **Bajda mixwija.**
- Din trid tintrefa' fil-gholi biex kulhadd ikun jista' jaraha.

- 

- **Ghadma tal-haruf mnaddfa u mixwija.**

- Din l-ghadma bla laham, tittiehed mill-Haruf li jkun se jittiekel u titqieghed biex tidher minn kulhadd. Din tirrapprezenta lill-haruf tas-sagrificcju taz-zminijiet mghoddija.

- **Il-hxejjex morri.**
- Din it-tahlita ta' hxejjex morri titqieghed ukoll fil-platt principali, izda matul l-ikla dan ser jittiekel minn kulhadd. Ghalhekk tajjeb li f diversi postijiet fuq il-mejda, jitqieghdu wkoll skutelli biex ikunu jistghu jintlahqu minn kulhadd.

- **Haroxet.**
- Din it-tahlita specjali ta' l-Ghid hija zalza maghquda maghmula minn tuffieh mqatta' zghir, lewz u zbib, mhawwar bil-kannella u maghgun bl-inbid ahmar helu. F'dan il-kaz ukoll, ftit jitqieghed fil-platt principali u l-bqija jitqassam fi skutelli madwar il-mejda. Il-haroxet, fil-kulur u l-forma tieghu, jixbah hafna lit-tajn li jintuza biex jinhadmu c-cangaturi tat-tafal.

Ma' dan l-ikel fuq il-platt principali, ikun hemm ukoll fi skutelli, ilma bil-melh, biex fih jitbillu il-hxejjex friski. Jekk il-grupp ikun zghir, il-kap tas-Seder jista' jbill hu il-hxejjex u jghaddihom lill-membri tal-familja, izda jekk ikunu hafna dawk li se jieklu, jkun hemm l-ilma bil-melh fejn jista' jintlahaq minn kulhadd. Tezisti ukoll id-drawwa li ghal kull membru tal-familja titlesta bajda iebsa mghaddsa fl-ilma bil-melh. Din tittiekel fil-bidu biex tiftah l-aptit.

Jitpogga fuq il-mejda wkoll, il-platt bil-haruf fih. Il-haruf irid ikun mixwi u shih, mzejjen b’xi haxix frisk.

Fl-ahhar jitlestew kwantità ta’ mazzott u fliexken mimlija bl-inbid, bizzejjed biex kulhadd ikun jista’ jixrob erba` darbiet. Hija drawwa fost il-Lhud, li f’xi mkejjen fil-kamra jinhbew xi helu jew rigali, biex fl-ahhar ta’ l-ikla, it-tfal joqghodu jiehdu gost ifittxuhom u jsibuhom.

L-ikla Seder, fi zminijiet Biblici, kienet maghmula biss minn haruf mixwi, izda llum il-platti u l-ikel ivarjaw f’hafna postijiet fid-dinja. Fit-tradizzjoni tal-Lhud fl-Ewropa tal-Lvant, il-festa tibda bil-hut, u wara soppa tat-tigieg bil-blalen tal-mazzott. Xi dezerta bl-ghasel, jew *pane di Spagna* huma komuni wkoll fl-ikla ta’ l-Ghid. Wara l-ikla, normalment il-Lhud idumu xi ftit ikissru u jieklu l-gellewz, ikel helu, frott imqadded u helu iehor.

## IL-MEJDA

Ghal dawn il-festi, il-mejda tintrema bl-ahjar u bl-isbah armar li jkollha l-familja. Il-mejda tinkesa’ bi tvalji bojod silg, jitpoggew l-imsiebah jew il-gandlieri bix-xemgha, lesti biex jitbierku u biex jinxteghlu. Il-mejda tizzejjen ukoll bi blanzuni u bi fjuri li jfakkru fir-Rebbiegha. Il-platti bil-mazzott, il-haruf ta’ l-Ghid, il-fliexken bl-inbid, l-iskutelli bil-frott, il-lewz u z-zbib isebbhu l-mejda u jaghtu dehra ta’ festa. Hdejn kull post jitqieghed il-Haggadah.

F’post li jkun jidher sew, jitpogga l-kalci ta’ l-inbid ghal Elija. Quddiem il-kap tas-Seder jitpogga l-platt cerimonjali bil-hames tipi ta’ ikel fih; il-hxejjex friski, il-bajda mixwija,1-ghadma mnaddfa tal-haruf, it-tahlita tal-hxejjex morri, u l-haroxet.

Fuq il-lemin tal-platt principali, jitqieghed il-mazzott mghotti. It-tifsira ta’ kull haga tinghata waqt is-Seder stess.

Il-maghqad li jpoggi bil-qieghda fuqu l-kap tal-familja, issoltu jkun pultruna li fuqha jkun hemm imhaded, biex turi d-drawwa qadima li kellhom ir-Rumani hielsa, meta kienu jieklu mimduda fuq genbhom. Kull min jienu sehem fis-Seder jista’ juza l-imhaded.

F’xi mkien qrib il-mejda, jixraq li titpogga l-Menorah; kandelabru b’seba` frieghi, li jinxteghlu mill-Omm fil-bidu ta’ l-ikla.

## IS-SEDER

*Dawk kollha li se jiehdu sehem fl-ikla jsibu posthom mal-mejda. Timtela’ l-ewwel tazza bl-inbid. L-Omm tixghel ix-xemghat.*

**Omm**

> Mbierek Int, Alla taghna ta’ dejjem, Sultan tal-holqien kollu, li qaddistna bil-Kmandamenti tieghek, u kkmandajtna biex nixghelu x-xemgha tal-festa.

**Missier**

> Flimkien ma’ hutna Lhud imxerrda ma’ kullimkien, il-lejla niccelebraw l-istorja twila tal-poplu Lhudi, marbuta b’mod specjali mat-tbatija spiritwali tal-bniedem ghall-gustizzja u l-helsien.
>
> Illum, f din il-festa tal-helsien li naghmlu kull sena, inroddu hajr lill-Etern talli zamm haj l-ispirtu taghna u ghaddih minn kull tigrib, mir-rebh u mit-telfa. Inroddu riajr ghal dik il-grajja li saret l-ikbar sinjal tal-helsien taghna; il-hrug tal-poplu mill-Egittu. Inroddu hajr ghall-ispirazzjoni li tana li ghallmitna nghixu dejjem mal-Ligi. Inroddu hajr ghall-ewwel ligijiet li habbru d-dinjità tal-bniedem: l-Ghaxar Kmandamenti, it-Torah, u s-Sibt ghall-mistrieh ghal kulhadd, jum qaddis ta’ riflessjoni, li fih sid u lsir jiftakru li quddiem il-ligi ta’ Alla, kulhadd huwa li stess.

*Il-Missier, jgholli quddiemu t-tazza mimlija bl-inbid.*

**Kummentatur**

Se nixorbu l-ewwel mill-erba' tazzi tas-Seder ta' l-Ghid. Bis-sahha tal-helsien. Nibdew l-ewwel billi nqaddsu din il-gurnata ta' festa,billi flimkien nghidu l-barka.

**Flimkien**

Mbierek int, Alla taghna minn dejjem ta' dejjem, Sultan tal-holqien, li ghaziltna minn fost il-gnus kollha, u ghollejtna 'l fuq mill-ilsna kollha, u qaddistna bil-Kmandamenti tieghek. B'imhabba kbira int tajtna, Mulej Alla taghna, zmien ta' ferh, staguni biex niccelebraw, u din il-Festa tal-Mazzott fl-anniversarju ta' meta gejna mehlusin - okkazjoni qaddisa, tifkira (bi mhabba) tal-helsien taghna mill-Egittu. Ghax Int ghazilt lilna, u lilna qaddist minn fost il-popli kollha. Kienet ir-rieda kollha mhabba tieghek, li tatna l-granet qaddisa tal-festi tieghek biex nifirhu u nithennew. Mbierek int, Mulej, li tqaddes lil Israel u l-Festi tieghu.

**Kummentatur**

Qabel kull tazza nbid li nixorbu, nghidu l-barka fuq l-inbid.

*Kulhadd jgholli t-tazza bl-inbid.*

**Flimkien**

Mbierek Int, Alla taghna, minn dejjem ta' dejjem, Sultan tal-holqien kollu, hallieq tal-frott tad-dielja.

**Missier**

U issa nghidu l-barka li tfakkarna li minn din il-hajja rridu nghaddu ghal hajja ohra, ta' l-ghageb kbir tal-hajja, Xe-hejakenu.

**Flimkien**

Mbierek Int, Alla taghna minn dejjem ta' dejjem, Sultan tal-holqien kollu, li tajtna l-hajja, zzommna hajjin u wassaltna s'issa.

*Kulhadd jixrob l-ewwel tazza.*

**Missier**

Sa minn qabel il-helsien mill-Egittu, il-poplu taghna, f'kull Rebbiegha, kien jiccelebra l-holqien u l-misteru tal-hajja. Ejjew niftakru li kemm il-haxix ta' l-art u l-imluha fil-bahar, gew mghaqqda flimkien biex jahju l-hajja. Ejjew niftakru li fil-jasar, is-salmura tad-dmugh rawwmet is-sahha ta' l-ghixien.

Bhall-popli kollha, il-poplu taghna sa mill-qedem, meta kienu ghadhom jirghu il-merhliet, iccelebraw il-helsien ta' l-art mid-dlamijiet tax-Xitwa, u ferhu ghat-twelid mill-gdid tan-natura, kif isir kull sena. Hekk insibu fi kliem mill-isbah u mirqum fl-Ghanja ta' l-Ghanjiet li kiteb Salamun:

**Omm**

Ghax ara, ix-xitwa ghaddiet,

Ix-xita m'ghadhiex u telqet;

Il-fjuri nibtu mill-hamrija;

Wasal zmien-il ghana,

U f'artna jinstema l-lehen tal-gamiema;

It-tina qed tohrog it-tin,

U d-dielja mimlija blanzuni,

Ixxerred ir-riha tfuh taghha.

*Il-Missier iqassam il-bicciet mill-haxix frisk, u kulhadd ibill sehmu fl-ilma bil-melh. Mbaghad flimkien jghidu l-barka.*

**Flimkien**

Mbierek Int, Alla taghna, minn dejjem ta' dejjem, Sultan tal-holqien kollu, hallieq tal-frott ta' l-art.

*Il-Missier jikxef il-mazzott*

**Missier**

Hawn quddiemi, hawn tlitt mazzott. Jinghad li jfissru;l-ewwel il-Qassisin fit-Tempju, il-Kohanim, it-tieni, l-ghannejja u l-qaddejja tat-tempju, il-Levijim, u fl-ahhar Israel migbur flimkien, il-Jisarjlin. Jinghad ukoll li tnejn minn dawn il-mazzott, ta' fuq u ta' isfel, ifissru l-hobz tal-prezenza fit-tempju, fil-waqt li t-tielet mazzah, din tan-nofs, tfisser il-Haruf ta' l-Ghid.

**Kummentatur**

Mela, minhabba li l-qdusija ta' l-Ghid, ma baqghetx aktar possibli wara li t-Tempju gie meqrud, mazzah iehor zdied ma' l-ghadma biex ifisser il-haruf, ghax dan il-mazzah iktar 'il quddiem se naqsmuh bejnietna biex nikluh. Id-drawwa hi li l-ewwel naqsmu l-mazzah fi tnejn.

*Il-Missier jaqsam fi tnejn il-mazzah tan-nofs, u jerga' jqieghed nofsu taht il ghata.*

**Missier**

Bicca nzommu hawn, u l-bicca l-ohra nahbuha waqt li wliedna jaghlqu ghajnejhom. Dan jissejjah afikomen, mill-Grieg li jfisser dezerta. Wara l-ikla, it-tfal iridu jfittxuha u min isibha jiehu l-premju misthoqq. Meta l-bicca l-mohbija tinstab, nergghu nghaqqdu z-zewg nofsijiet flimkien, u dan ifisser li dak li gie maqsum u mifrud, fil-verita` ma jintilifx ghall-poplu taghna, sakemm uliedna jibqghu jiftakru u jibqghu jfittxu. Kull wiehed minna, mbaghad nieklu bicca mal-haruf bhal ma kienu jaghmlu missirijietna fi zmien it-Tempju.

*L-ulied jaghlqu ghajnejhom. L-afikomen jinheba'. Il-Missier issa jgholli l-platt bil-mazzott mikxuf.*

**Missier**

Ejjew issa ntennu ma' Missirijietna is-sejha ta' l-Ghid.

**Flimkien**

Dan hu l-hobz tat-tbatija li Missijietna kielu fl-art ta' l-Egittu.

Ejjew intom ilkoll li intom bil-guh, ejjew u kulu maghna. Intom ii tinsabu fil-bzonn, ejjew u ifirhu maghna, iccelebraw maghna l-Festa ta' l-Ghid.

Illum hawn, is-sena d-diehla nkunu fl-art ta' Israel.

Illum imjassra, s-sena d-diehla nkunu ulied-il helsien.

*Il-Missier ipogg l-platt bil-mazzott. It-tazzi jergghu jimtlew bl-inbid ghat-tieni darba.*

**Missier**

Ankè l-izghar wiehed fostna jinduna li llum ghandna l-hobz catt fuq il-mejda ghas-Seder. Dan huwa l-hobz bla hmira. Uliedi, l-izghar li ghandi, staqsu l-erba` mistoqsijiet, dwar dak li jaghmel dan il-lejl differenti mill-iljieli l-ohra.

**Iben**

Missier, x'jaghmel dan il-lejl, differenti mill-iljieli l-ohra?

Ghaliex fl-iljieli l-ohra kollha nistghu nieklu hobz bil-hmira u mazzott, izda f'dan il-lejl mazzott biss?

Ghaliex fl-iljieli l-ohra kollha nistghu nieklu minn kull xorta ta' hxejjex, izda f'dan il-lejl, hxejjex morri biss?

Ghaliex fl-iljieli l-ohra kollha qatt ma nbillu, izda f'-lejl, nbillu darbtejn?

Ghaliex fl-iljieli l-ohra kollha nieklu bil-qieghda jew mimduda fuq genbejna, izda f'dan il-lejl nieklu mimduda?

**Missier**

Uliedi, ghax konna lsira fl-Egittu.

**Flimkien**

Ghaliex konna lsira tal-Farawni fl-Egittu, u Min hu minn dejjem, Alla taghna, harigna minn hemm b'id qawwija u bi driegh merfugh.

**Omm**

Li kieku l-Qaddis, mbierek ismu, ma harigx lil Missirijietna mill-Egittu, kieku ahna, uliedna w ulied uliedna, ghadna mjassra fl-Egittu.

**Missier**

Ghadna kif smajna erba' mistoqsijiet, u hemm erba' min-nies li jistaqsuhom; dak li ma jaghtix kaz, l-iblah, dak li ma jridx jifhem u l-gharef. It-tifel li ma jaghtix kaz jistaqsi: "X'inhi din ic-celebrazzjoni taghkom?", daqs li kieku hu mhux wiehed minna, ma ghandux x'jaqsam maghna. It-tifel l-iblah jistaqsi biss x'gara, minghajr ma jimpurtah xi jfisser. Dak li ma jridx jifhem, lanqas biss jindenja ruhu jistaqsi ghax jghid li m'hemmx ghalfejn. Izda ibni l-gharef jistaqsi: "X'tifsira ghandha, kull haga li naghmlu?"

**Flimkien**

Mela ejjew inkunu ulied gharfa. Ghax kull ma naghmlu llejla f'din il-ikla, ghandu tifsira kbira ghalina. Ukoll li kieku konna mfawra bl-gherf, ghorrief miqjuma, ukoll li kieku ahna mghallma tat-Torah, minkejja dan kollu, ukoll ikun jixraq li ntennu b'qima l-hrug taghna mill-Egittu u nistaqsu t-tifsira ta' kull kelma.

*Il-Missier iqabbad skond kif imisshom lil dawk li jwiegbu l-mistoqsijiet.*

**L-Ewwel**

Int staqsejt ghaliex f'din il-lejla ahna nieklu biss mazzott.

Avadim hajinu - Konna lsiera. Konna lsiera fl-art ta' l-Egittu. Missirijietna, huma w jaharbu minn dar l-irbit fl-Egittu ma kellhomx hin biex ihallu l-hmira toqghod u toghla, ghalhekk hmew hobz catt,

imsejjah mazzott. Il-Kotba qaddisa jghidulna "Kienu mkeccija mill-Egittu, u ma setghux jitlajjaw, lanqas zmien ilestu x'jieklu ma kellhom." Biex infakkru dan kollu, illum, fil-Ghid, nieklu l-mazzott.

**It-Tieni**

Int staqsejt, ghaliex f'dan il-lejl nieklu l-hxejjex morri.

Avadim hajinu - Konna lsiera. Illum nieklu l-hxejjex morri ghaliex l-Egizzjani, ghamlu hajjet Missirijietna morri. Il-Kotba Qaddisa jistqarrulna: "Aghmlulhom hajjithom mirra, bl-irbit iebes fit-tajn u l-hagar, u b'kull xorta ta' hidma iebsa fl-ghelieqi, u l-jasar taghhom kien mill-iktar ahrax."

**It-Tielet**

Int staqsejt ghal-liema raguni nbillu darbtejn.

Avadim hajinu - Konna lsiera. L-ewwel darba, billejna l-hxejjex taghna biex induqu s-salmura tal-jasar. Izda issa nbillu wkoll biex niftakru fil-hajja u t-tkabbir, ta' l-art u l-bahar, maghqudin ghall-hniena ta' Alla biex jaghtuna n-nifs u jghajxuna.

It-tieni darba nbillu fil-Haroxet, biex niftakru fit-tajn li Missirijietna hadmu bhala lsiera ghall-Farawni fl-Egittu. Izda l-Haroxet taghna huwa tahlita ta' tuffieh helu, lewz, zbib u nbid biex nuru li fiz-zmien morr tal-jasar taghhom, Missirijietna ittamaw dejjem fil-hlewwa tal-helsien.

**Ir-Raba'**

Int staqsejt ghaliex illum nimteddu bil-kumdità kollha waqt din l-ikla.

Avadim Hajinu - Konna lsiera. Illum nimteddu daqshekk komdi biex niftakru li bhal Missirijietna ahna wkoll nistghu nirbhu l-jasar u l-irbit, ghaliex kull wiehed minna huwa lsir tieghu innifsu u kull wiehed minna huwa hieles biex isir is-Sid tieghu innifsu.

*Il-Missier jgholli l-bajda mixwija 'il fuq mill-Platt ta' l-Ghid.*

**Missier**

Wara l-harba mill-Egittu, il-Lhud waslu fl-Art Mwieghda; u bnew it-Tempju f'Gerusalemm. Lejn it-Tempju gabu offerti ta' radd il-hajr, ghal dak li raddet l-art u frott-il guf tal-merhliet taghhom. Din il-bajda tfakkarna fil-hajja, fit-tkabbir u fil-benna tal-frott.

*Il-Missier izomm fil-gholi l-ghadma mnaddfa u mixwija tal-haruf.*

**Missier**

Din il-Ghadma tfakkarna fil-Haruf ta' l-Ghid li l-kmandament ta' l-Gholi lill-Israelin fl-Egittu, ried li joffru b'sagrificcju, u biex b'demmu jhazzu fuq il-koxxa ta' bibien djarhom. Dan kellu jkun is-sinjal ghall-Anglu tal-Mewt qerriedi, biex jibqa' ghaddej u joqtol biss lill-Egizzjani, biex igieghlhom jitilqu mill-jasar taghhom. Nergghu nistaqsu lilna nfusna. X'kienet ir-raguni biex sirna lsiera ta' l-Egittu?

*Il-Missier jerga' juri lil kull min imissu biex jirrakkonta parti mill-grajja.*

## IR-RAKKONT

**L-Ewwel**

Il-Kotba Qaddisa jghidulna li fi zmien-il qedem, Missirijietna kien jghixu; "fuq in-naha l-ohra tax-xmara l-kbira f'nofs nies li jaduraw allat foloz." Gewwa l-belt ta' Ur, Missierna Abraham, kien l-

ewwel wiehed li fehem li Alla huwa wiehed u minn dejjem ta’ dejjem. Li tadura `l Alla tfisser helsien. Izda Abraham, kellu jahrab mill-art ta’ dawk li jaduraw allat ohra.

**It-Tieni**

Il-Kotba Qaddisa jghidulna: "Jien hadt lil Missierek Abraham min-naha l-ohra tax-xmara l-kbira u mexxejtu sa l-art ta’ Kanaan." U jkomplu jghidu: "U l-Mulej qal lil Abraham, ‘Din l-art kollha li qed tara, naghtiha lilek, u liz-zerriegha tieghek ghal dejjem’."

**It-Tielet**

Il-merhliet ta’ Abraham kibru u simnu fl-art, u Alla tah lil Izakk. U iben Izakk, Gakobb, nissel hafna wlied, izda l-fessudu kien Guzeppi, li gie mibjugh minn hutu l-ghajjurin lil karwana ta’ Ismajlin li hadu lil Guzeppi maghhom l-Egittu.

**Ir-Raba’**

Guzeppi qam u sar Ministru tal-Farawni fuq l-Egittu kollu. Mela’ l-imhazen bil-qmuh u meta mbaghad gie l-ghaks fuq dawk in-nahiet kollha, hut Guzeppi marru l-Egittu jixtru x’jieklu. Hu gharafhom u gieghlhom igibu maghhom go l-Egittu l-familji taghhom. Hemm, il-Lhud ghexu u kibru hafna.

**Il-Hames**

Izda qam Sultan gdid fuq l-Egittu, li ma kienx jaf lil Guzeppi. U qal lill-poplu tieghu, "Araw, ulied Israel kibru wisq, u tqawwew wisq ghal maghna." Beza’ hafna li f’xi gwerra, il-Lhud setghu jinghaqdu ma’ l-ghadu tieghu. Ghalhekk qieghed fuqhom mghallma horox biex jghabbuhom u jtaqqluhom b’kull xorta ta’ saram u tbatija. U b’hekk, missirijietna bnew bliet ta’ sebh u kobor bla qjies, Piton u Ramses. Saru lsiera.

**Is-Sitt**

U biex jeqred il-poplu kollu, il-Farawni ordna lil-Lhud biex "kull tifel li jitweldilkom, titfghuh intom fix-xmara".

**Is-Seba’**

Wahda mara mit-tribù ta’ Levi, qieghdet lil binha tarbija go arka tal-qasab ma’ xatt-ix xmara. It-tifel instab minn bint il-Farawni stess u semmietu Mose`.

**It-Tmien**

Oht it-tifel kienet tghasses u offriet li ommha taghmilha ta’ mraddgha ghalih. B’hekk Mosè, trabba’ minn niesu stess.

**Id-Disa’**

Meta mbaghad Mosè kiber, ra b’ghajnejh Egizzjan jahqar Lhudi, u qatel lill-Egizzjan. Wara, Mosè harab minn quddiem il-Farawni, u nizel jghammar f’art Midjan.

**L-Ghaxar**

Mela darba wahda, huwa w jghasses il-merhliet, sema’ l-lehen ta’ Min kien minn dejjem ikellmu minn go xitla taqbad, jghidlu: "Nibghatek ghand il-Farawni biex tkun tista` tohrog mill-Egittu lill-poplu tieghi, Ulied Israel."

**Il-Hdax**

Ghal darba, tnejn u izjed, Mosè waqaf quddiem il-Farawni jordnalu; "Halli l-poplu tieghi jitlaq." Izda qalb il-Farawni aktar ibbieset.

**Missier**

U bhal ma hu miktub, "Bkejna quddiem il-Mulej Alla ta' Missirijietna, u l-Mulej sema lehinnha u ra s-saram taghna u t-tbatija iebsa taghna u l-jasar taghna."

**Flimkien**

U L-Mulej harigna mill-Egittu, b'id qawwija u bi driegh merfugh, b'biza' kbir u b'sinjali u b'ghegubijiet.

**Missier**

Sahta wara sahta, nizlu fuq l-Egizzjani. B'hasra u dwejjaq minhabba l-hazen u t-tbatija li jghammru fid-dinja, missirijietna u ahna maghhom, waqt li niftakru fis-sahtiet u l-ghadd taghhom, inxerrdu qtar ta' nbid b'sinjal ta' ferh.

**Flimkien**

Ejjew nuru l-ferh taghna ghall-mixja tal-helsien.

*Kulhadd iqattar tliet qatriet fil-plattina.*

**Missier**

Jew, ejjew niftakru fl-ghaxar sahtiet.

*Jinqraw, wahda wanda is-sahtiet u ma' kull wahda kulhadd ixerred qatra nbid fil-plattina.*

**Flimkien**

Demm!

Infafet!

Zringijiet!

Borra!

Nemus!

Gradijiet!

Insetti!

Dlam!

Pesta fl-imriehel!

Il-mewt ta' l-iben il-kbir!

**Missier**

Mbaghad, meta ankè iben il-Farawni ntlaqat u miet fl-ahhar sahta, il-Farawni qam bil-lejl u baghat ghal Mosè u ordnalu: "Itlaq, minn go nofs il-poplu tieghi!" B'ghaggla kbira, ulied Israel telqu bhal

ma hu miktub, "hmew hobzhom bil-ghaggla, ghax ma setghux jitlajjaw." Meta waslu quddiem il-Bahar l-Ahmar, il-Farawni, rega’ lura minn kelmtu, u baghat il-karrijiet tieghu jigru warajhom.

**L-Ewwel**

Il-Mulej fired l-ilmijiet u l-Israjelin qasmu qawwijin u shah; mbaghad l-ilmijiet inghalqu mill-gdid fuq l-Egizzjani, bil-karrijiet kollha taghhom. Hekk, ulied Israel inhelsu.

**Omm**

U bhal dwar l-ghaxar sahtiet, hemm ukoll storja fit-tradizzjonijiet taghna li tghid kif l-Egizzjani gherqu. Meta l-Israjelin qasmu qawwijin u shah, l-angli fis-sema ghannew ghanja ta’ tifhir lil Alla. Izda Alla hares ’l isfel fuq l-ilmijiet huma u jinghalqu fuq l-Egizzjani u qal: "Kif tistghu tghannu, meta uliedi qed jegherqu?"

**Flimkien**

Ejjew niftakru u ma ninsew qatt.

Konna lsira tal-Farawni fl-Egittu, u Min kien u jibqa’ ghal dejjem, Alla taghna, harigna minn hemm b’id qawwija u bi driegh merfugh.

Li kieku l-Qaddis, ikun mbierek, li kieku ma harigx lill-missirijietna, kieku ahna, uliedna w ulied uliedna, ghadna lsira fl-Egittu.

**Missier**

Ejjew niftakru u ma ninsew qatt. Il-weghda ta’ Min kien u jibqa’ ghal dejjem, li jehles lill-poplu taghna, regghet u regghet twettqet, matul iz-zminijiet.

**L-Ewwel**

Mbierek Min zamm kelmtu ma’ Israel. Ghax il-qaddis kien haseb minn qabel li jsir dak li kien wieghed lil Missierna Abraham flimkien mal-Patt: u kien qal lil Abraham, "Kun af fic-cert li z-zerriegha tieghek se jisfaw ghorba f’art li mhix taghhom, u jkollhom jaqduhom, u dak il-poplu se jxekkilhom ghal erba’ mitt sena. U l-gens li huma jaqdu, lilhom ukoll ghad niggudika! U fl-ahhar, il-batuta, l-imjassra, johorgu minn arthom, mimlija bl-abbundanza."

*Kulhadd jgholli t-tazza bl-inbid.*

**It-Tieni**

Din hija l-weghda li zamm ma’ missirijietna u maghna warajhom.

**Flimkien**

Ghax mhux wiehed kienu dawk li qamu biex jehduha maghna u jeqirduna, izda f kull generazzjoni qam xi hadd biex inehhina minn wicc id-dinja. Izda l-Qaddis, ikun dejjem mbierek, huwa l-hellies taghna minn taht idejhom.

**Missier**

F’kull nisel, kull wiehed minna ghandu jqis lilu nnifsu daqs li kieku hu stess gie mahrug mill-Egittu.

Ghax hu miktub, li f’dak il-jum int tghid lil ibnek:

**Flimkien**

Dan minhabba dak li ghamel mieghi Min kien u jibqa’ ghal dejjem, meta harigni mill-Egittu.

Mela, allna marbuta li nroddu hajr, infahhru, nigglorifikaw, nghollu, mbierku, nqimu u naduraw lil Min ghamel dawn l-ghegubijiet, ghal missirijietna u ghalina. Harigna mill-jasar ghall-helsien, mid-dwejjaq ghall-ferh, mil-luttu ghall-festa, mid-dlam ghad-dawl u mill-jasar ghas-salvazzjoni. Mela ejjew inkantaw quddiemu ghanja gdida! Halleluja!

Mbierek int, Mulej Alla taghna, Sultan tal-holqien kollu li hlistna u hlist lil missirijietna mill-Egittu, u wassaltna sa dan il-lejl biex nieklu l-mazzott u 1-Haruf mal-hxejjex morri. Hekk ukoll, Mulej Alla taghna, u Alla ta’ missirijietna, wassalna sa festi ohra fil-gejjieni, fil-paci, halli nkunu nistghu nergghu nibnu mill-gdid il-belt tieghek u nifirhu fis-servizz tieghek. Hemmhekk nghannulek ghanja gdida ghall-helsien taghna u s-salvazzjoni ta’ ruhna. Mbierek int, Mulej, li hlist lil Israel!

**Missier**

Dawn huma s-Salmi li jitkantaw fit-Tempju filGhid.

*Il-Missier iqabbad lil min jghid is-Salmi.*

**L-Ewwel**

Halleluja! Fahhru, qaddejja tal-Mulej,

Fahhru Isem-il Mulej!

Mbierek isem-il Mulej,

Minn issa u ghal dejjem!

Minn tlugh ix-xemx sa nzulha,

Mbierek Isem-il Mulej!

Fuq l-artijiet kollha l-Mulej,

Fuq is-smewwiet hu sebhu.

Min hu bhall-Mulej Alla taghna

Li tant qieghed fil-gholi,

Li b’harstu jilhaq

X’hemm fl-art u x’hemm fis-sema!

Jgholli lill-fqir mit-trab,

Lil min hu fil-bzonn mill-mizbla.

Jaghtihom tron mal-princpijiet

Fost is-setghana tal-poptu tieghu.

Il-mara sterili johrog

Bhall-Omm ferhana b’uliedha s-subien. Halleluja!

**It-Tieni**



Meta Israel hareg mill-Egittu,

Id-dar ta’ Gakobb minn fost poplu bi lsien barrani,

Mbaghad, Israel sar it-Tempju ta’ Alla,

Guda, is-saltna tieghu.

Il-bafiar, ra u harab!

Il-Gordan rega’ lura!

Il-muntanji qabzu bhall-kbiex

u bhall-hrief il-gholjiet!

Xi gralek bahar biex tahrab!

U int Gordan, biex terga’ lura!

U intom, muntanji, biex taqbzu bhall-kbiex,

u intom gholjiet, bhall-hrief!

Trieghed, art, quddiem il-Mulej,

Quddiem Alla ta’ Gakobb!

Hu li bidel il-blat f ghadira ilma

Iz-zonqor fi xmajjar ta’ ilma!

**Missier**

Mill-Banar tal-Qasab, Mosè ghadda lil Israel ’il gewwa. Qasmu d-dezert u ghammru fl-Oasi ta’ Kadex Barneja. Hemmhekk ghexu fit-tined, u fi griebeg tal-qasab, bhall-bedwini. Fil-bidu tal-mixja taghhom fid-dezert, waslu f’xaghri msejjah Sinaj u tellghu kamp hemmhekk, u Mosè tela’ wahdu fuq l-gholja, fejn ircieva l-kmandamenti ta’ Alla. Ejjew niftakru fl-Ghaxar Kmandamenti.

**Flimkien**

Jien hu l-Mulej Alla tieghek li hrigtek

mill-art ta’ l-Egiuu, minn dar il jasar.

Ma jkollokx allat ohra ghajri.

Ma taghmilx xbihat mahduma b’idejk...

ma tinzilx quddiemhom, taghtihom qima jew taqdihom.

Ma ssemmix l-isem ta’ Alla tieghek fil-batal.

Ftakar fis-Seba’ jum u qaddsu.

Weggagh lil missierek u ’l ommok.

La toqtolx.

La taghmilx adulterju.

La tisraqx.

La tixhidx bil-qerq kontra garek.

La tghirx.

**Missier**

Din hija l-Kelma ta' Alla kif tinsab fit-Torah. Ejjew nixorbu t-tieni tazza.

**Flimkien**

Mbierek Int, Alla taghna minn dejjem ta' dejjem, Sultan tal-holqien kollu u hallieq ta' frott id-dielja.

*Kulnadd jixrob it-tieni tazza.*

**Missier**

Issa wasalna ghall-ikla tas-Seder. Bhal ma s-soltu nibdew bil-qsim tal-hobz, hekk ukoll'issa, nibdew bil-qsim tal-mazzah.

*Il-Missier jagsam il-mazzah f'bicciet zghar, bicca ghal kull wiehed prezenti*

.

**Flimkien**

Mbierek Int, Alla taghna minn dejjem ta' dejjem, Sultan tal-holqien kollu li taghtina l-hobz mill-art. Mbierek Int, Alla taghna minn dejjem ta' dejjem, Sultan tal-holqien kollu, li qaddistna bil-Kmandamenti tieghek u ordnajtilna nieklu l-hobz bla hmira.

*Kulhadd jiekol il-bicca mazzah tieghu u jhalli bicca ghal Hillel wara l-ikla tal-Haruf.*



**Missier**

Nieklu wkoll il-Haruf li l-Mulej Alla taghna ordnalna biex nieklu. Niftakru fil-haruf li qatlu u kielu mixwi Missirijietna, minghajr ma kissrulu ebda ghadma, bhal ma kien ordna l-Mulej lil Mosè. Niftakru fid-demm tieghu li missirijietna cappsu mal-koxxa tal-bibien ta' djarhom u hekk helsu mill-mewt lil uliedhom il-kbar. Dan huwa l-haruf li permezz tieghu hlisna mill-ikbar sahta, il-mewt ta' wliedna l-kbar.

**Flimkien**

Mbierek Int, Mulej Alla taghna minn dejjem ta' dejjem, Sultan tal-holqien kollu, ghax int hlist mill mewt lil uliedna l-kbar, meta l-Anglu qerriedi tieghek ra s-sinjal ta' demm-il haruf, is-sinjal tal-patt bejnek u bejnna, u baqa' ghaddej minghajr ma midd idu s-setghana fuq uliedna l-kbar u hekk hlisna mis-sahta tal-mewt. Int Alla hanin kont ghalina, Alla li hlistna mill jasar minghajr ma dahhaltna f'jasar iehor. Mbierek int Mulej, talli ordnajtilna nieklu l-Haruf u b'demmu niksu 1ghetiebi ta' djarna.

*Jittiekel il-haruf*

**Missier**

Issa; wara li kilna l-Haruf ta' l-Ghid, kull wiehed minna jiehu ftit miz-zalza bil-hxejjex morri u jbillha fil-haroxet biex inwettqu l-ordni li l-lejla nieklu hxejjex morri. Hekk inbillu l-ikel taghna, ghat-tieni darba.

*Dan isir billi b'kuccarina niehdu ftit zalza bil-hxejjex morri u bl-istess kuccarina niehdu ftit mill-haroxet*

Mbierek Int, Alla taghna minn dejjem ta' dejjem, Sultan tal-holqien kollu, li qaddistna bil-Kmandamenti tieghek u ordnajtilna biex nieklu hxejjex morri.

**Missier**

Issa nieklu li fadlilna mill-mazzah mal-haxix morr biex inkomplu l-ikla li tfakkarna fit-tbatija u fil-ferh, fil-jasar u fil-helsien ta' missirijietna u taghna maghhom.

*Tittiekel il-bqija tal-mazzah li kien tqassam qabel u l-bqija tal-hxejjex morri.*

**Missier**

Dak li kien ordnat lilna biex isir, issa twettaq. Ergajna wettaqna, dak li ghamlu Missirijietna qabilna, u obdejna l-ligi tal-Mulej. Issa nistghu ninsew it-tbatijiet, ghax il-Mulej Alla taghna helisna minnhom. Nistghu nimtlew bil-ferh u bir-radd tal-hajr ghal dak kollu li Alla ghamel maghna u ma' missirijietna qabilna.

Ejjew nibdew il-Festa ta' l-Ghid.

**Flimkien**

Inroddu hajr lill-Mulej, Alla taghna minn dejjem ta' dejjem, nghannulu ghanjiet ta' radd-il hajr u naghtuh tifhir. Amen. Alleluja.

*Jitnehha l-platt principali u tinghata bidu ghall-ikla ta' l-Ghid, bit-tqassim ta' l-ikel l-iehor. Wara l-ikel, u qabe1 id-dezerta, isir il-hin biex flimkien jitkanta d-Dajenu li tfisser 'Ghalina kien ikun bizzejjed!' Il-versi jistghu jinghadu minn kull membru tal-familja li jkun mal-mejda, u kulhadd iwiegeb bir-responsorju.*

**Missier**

Kemm ghamel ghegubijiet maghna Min kien minn dejjem?

**L-Ewwel**

Li kieku harigna mill-Egittu, izda ma kkastigax l-ghedewwa taghna

**Flimkien**

Ghalina kien ikun bizzejjed!

**It-Tieni**

Li kieku qasam il-bahar ghalina, izda ma gharraqx lil dawk li grew warajna

**Flimkien**

Ghalina kien ikun bizzejjed!

**It-Tielet**

Li kieku helisna minn dawk li grew warajna, izda ma temghanix il-manna fid-dezert

**Flimkien**

Ghalina kien ikun bizzejjed!

**Ir-Raba'**

Li kieku temghana l-manna fid-dezert, izda ma tanix is-Sibt

**Flimkien**

Ghalina kien ikun biizejjed!

**Il-Hames**

Li kieku tana s-Sibt, izda ma tanix it-Torah

**Flimkien**

Ghalina kien ikun bizzejjed!

**Is-Sitt**

Li kieku tana t-Torah, izda ma dahhalnix fl-art ta' Israel

**Flimkien**

Ghalina kien ikun bizzejjed!

**Is-Seba'**

Li kieku dahhalna fl-art ta' Israel, izda ma benix it-Tempju tieghu

**Flimkien**

Ghalina kien ikun bizzejjed!

*Fl-ahhar ta'l-ikla, timtela t-tielet tazza bl-inbid.*

**Missier**

Ghadna kif kilna l-Ikla ta' l-Ghid bhala nies hielsa. Ejjew inroddu hajr lill-ghajn tal-hajja u tal-helsien. Nbierku lil Alla flimkien.

**Flimkien**

Ha jkun mbierek Hu li kien minn dejjem u jibqa' ghal dejjem, li fit-tjieba kbira tieghu temghana, u fl-imhabba kbira tieghu, jaghtina l-hajja.

**Missier**

Ha jkun dejjem mbierek, u mbierek dejjem ismu.

**Flimkien**

Ha jkun mbierek Isem-il Mulej, minn issa u ghal dejjem.

Mbierek Int, Alla taghna, minn dejjem ta' dejjem, Sultan tal-holqien kollu, li titma lid-dinja kollha. Bit-tjieba tieghu, bil-grazzja tieghu bi tjubija u hniena, Hu jitma kull hlejqa, ghax il-hniena tieghu tibqa` ghal dejjem.

**Omm**

U fit-tjubija kbira tieghu, qatt ma gejna bzonn xejn, mela minhabba l-Isem setghan tieghu, halli qatt ma jonqos xejn aktar, sa l-ahhar taz-zminijiet.

**L-Izghar**

Ghaliex hu jahseb f'kulhadd u jitma' lil kulhadd. Hu tajjeb ma' kulhadd u jhejji l-ikel ghall-holqien tieghu kollu.

**Flimkien**

Mbierek Int, Mulej, ghax titma' lil kulhadd.

**Missier**

Inroddulek hajr, Mulej, Alla taghna, ghal din l-art sabiha, ghammiela u kbira li int ghogbok taghti b'wirt lil missirijietna. Inroddulek hajr ukoll Alla taghna, minn dejjem ta' dejjem, ghaliex hrigtna mill-art ta' l-Egittu u minn dar-il jasar.

**L-Ewwel**

Inroddulek hajr ghall-Patt li hazzizt f'lahamna, u ghat-Torah, il-ligi tieghek, li ghallimtna.

**Flimkien**

U ghal dan kollu, Mulej, Alla taghna, nroddulek hajr u nfahhruk.

**It-Tieni**

Ikollok hniena Alla taghna minn dejjem ta' dejjem, minn Israel il-poplu tieghek, minn Gerusalemm il-belt tieghek, u minn Sijon il-post fejn tghammar il-glorja tieghek.

**Flimkien**

U ehlisna, Mulej, Alla taghna, fittex ehlisna mis-saram kollu taghna, la twarrabx il-htigijiet taghna, Alla taghna minn dejjem ta' dejjem, titlaqnix f'idejn l-ghedewwa taghna, lanqas f'idejn id-djun taghhom, izda zommna dejjem fl-idejn miftuha, mimlija u kbar tieghek, biex qatt u qatt izjed ma jkollna ghalxiex nisthu jew nirghexu.

**It-Tielet**

Ftakar fina Mulej, Alla taghna, illum u ghal dejjem. Xerred fuqna l-barka tieghek u ehlisna biex ingawdu l-hajja.

**Flimkien**

Halli l-qilla tieghek tinzel fuq dawk li jassruna u li ma jridux jisimghu bl-Isem Qaddis tieghek.

**Missier**

J'Alla Min holoq is-sliem, jitfa' fuqna wkoll is-sliem tieghu, fuq Israel, fuq il-bnedmin kollha u nghidu flimkien: Amen!

**Flimkien**

Amen! Fittxu ibnu lil Gerusalemm, issa fi zmienna, illum. Mbierek Int, Alla qaddis, minn dejjem ta' dejjem li fil-hniena kbira tieghek, bnejt lil Gerusalemm.

**Missier**

J'Alla, Min Hu l-iktar hanin, ixerred barkiet kbar fuq din id-dar u fuq din il-mejda li ghadna kif kilna fuqha.

**Flimkien**

J'Alla, Min Hu l-iktar hanin, jitfa' fuq din id-dar il-barka tieghu.

**Kull wiehed lil xulxin**

J'Alla, Min Hu l-iktar hanin jitfa' fuqek il-barka tieghu, ghax int ukoll ghallimtni l-imhabba tieghu.

**Flimkien**

J'Alla, Min Hu l-iktar hanin ibierek lil kull min jinsab hawnhekk migbur, lilhom, lill-familji taglihom u lil dak kollu li hu taghhom.

**Omm**

J'Alla, Min Hu l-iktar hanin, jaghmilna denji li naraw Jum il-Messija.

**Missier**

Nixorbu it-tielet tazza!

**Flimkien**

Mbierek Int, Alla taghna, minn dejjem ta' dejjem, Sultan tal-holqien kollu, hallieq ta' frott id-dielja.

**Huwa x'aktarx f'dan il-hin li Gesù biddel il-kalci bl-inbid f'demmu, u offrih bhala sinjal ghall-Patt il-Gdid bejn Alla u l-bniedem, ghall-mahfra tad-dnubiet u l-helsien mill-mewt u d-dnub tal-bnedmin kollha. Araw b'liema mhabba habbna. Inghata kollu kemm hu ghalina. Inroddulu hajr, infahhruh u nberkuh ghax**

**hwejjeg kbar Hu ghamel maghna llum Hu li huwa setghani, li l-hniena tieghu tisboq il-gustizzja u l-hniena taghna.**

*Kulhadd jixrob it-tielet tazza. Jitferra' l-inbid fir-raba' tazza. Timtela bl-inbid ukoll it-tazza ta' Elija*

**Missier**

Jinghad li Elija l-Profeta jzur kull dar waqt li ahna niccelebraw is-Seder.

*Jaghzel lil xi hadd biex jiftah il-bieb*

**Missier**

Ejjew nifthu l-bieb ghal Elija, halli meta jigi jsib miftuh u jidhol. Nifthuh ukoll bhala sinjal ta' ospitalità u hbiberija, bhala sinjal li l-ebda bniedem m'hu msakkar ghalih nnifsu mill-bnedmin l-ohra. J'Alla il-Hanin jibghatilna lil Elija l-Profeta l-qaddis, halli jhabbrilna bxajjar ta' solidarjetà u helsien.

*Il-bieb ikun infetah. Il-Missier juri t-tazza ta' Elija*

**Missier**

Din hi t-tazza ta' Elija l-Profeta, ghax jinghad lilna bi hrafa li Elija jzur kull dar fejn jigi mwettaq is-Seder. Ghaliex Elija? Minn fost il-profeti kollha taghna, hu sar ghalina medjatur bejn l-Art u s-Sema. Il-Kotba Mqaddsa jghidulna b'karru tan-nar mibghut biex itellghu s-sema. U mis-sema, kellu jerga' jigi, biex ihejji l-bnedmin ghall-migja mistennija b'herqa kbira tal-Messija, l-jiem tal-gudizzju u l-helsien. Il-Profeta Malakija, habbar dan fuq Elija, meta qal:

'Araw, nibaghtilkom lil Elija l-Profeta,

Qabel il-migja tal-jum kbir u tal-biza' tal-Mulej,

U hu jregga' lura l-qlub ta' l-ulied lejn missirijiethom,

U l-qlub tal-missirijiet lejn uliedhom.'

Matul iz-zminijiet, meta l-poplu taghna bata kemm felah, xtaqu u bkew missirijietna ghal dan il-habbar ta' qalb tajba, u harrfu u rrakkuntaw qlajjiet bla tarf kif dan Elija kien jidher ghall-gharrieda, jekk xi Lhudi fit-tigrib, jghajjatlu: "Elija! Ejja ehlisni!".

F'dawn l-istejjer, kellu jidher taht diversi forom; drabi bhala sewwieq ta'l-igmla li jghn lil vjaggatur mitluf fid-dezert, drabi ohra kellu jtir fil-berah biex jghin lil Lhudi li gie meghlub mill-hallelin u mitfugh minn fuq muntanja 'l isfel. Intqal ukoll li gieli ghadda liebes ta' tallab minn xi triq fejn xi ghani jkun qed jiehu l-ahhar nifs u jehlislu ruhu billi jaghtih l-ahhar opportunità biex jaghmel karità. Elija jista' jerga jigi u jmur minghajr ma naghrfuh, izda l-Lhudi li sejjahlu u safa mismugh, jaf li Elija gie, u jfahhar 'l Alla u jghid 'Elija gie!'

*Jinghalaq il-bieb*

**Missier**

Jingieb issa n-nofs l-iehor tal-mazzah li hbejna fil-bidu ta' din l-ikla.

*Jingieb in-nofs l-iehor tal-mazzah. Il-Missier johrog in-nofs li kien mghotti fuq il-mejda, jghaqqadhom flimkien, u jzommhom merfughin fl-gholi.*

**X'aktarx li f'dan il-hin, Gesù waqqaf is-sagrament ta' l-imhabba, l-Ewkaristija. Il-kap tal-mejda jiehu l-hobz li jkun qasam fil-bidu ta' l-ikla u jghaqqdu flimkien bhala sinjal tal-ghaqda li ssehh mill-gdid mat-**

**twettiq tal-weghda ta' Alla, il-migja tal-Messija. Mbaghad il-hobz jitqassam bejn kulhadd u jittiekel. It-testi magzula mit-Testment il-Qadim, ghalina sehhew f'Gesù Kristu, il-Messija, Hu li permezz tieghu sehhet l-ghaqda mill-gdid bejn Alla u l-bniedem u bejn bniedem u iehor. F'dan il-hin, ghalhekk ta' min jiftakar fil-hwejjeg kbar li ghamel maghna Alla, u nfahhruh u nberkuh.**

**Missier**

Min hu miksur, jerga' jsir shih. Min hu mxerred, jerga' jingabar. It-tama li l-Messija ghad jigi, tnisslet f'uliedna, biex jinstab dak li hu mitluf, jingabar dak li xxerred, u terga' shiha l-fidi taghna.

*Waqt li jitqassam l-afikomen kulhadd jghid:*

Flimkien il-Profeti kienu jtennulna:

Jigri fl-ahhar taz-zminijiet

Li tigi mwaqqfa l-gholja ta' dar il-Mulej,

Bhala l-oghla wahda fost il-qcacet ta' l-gholjiet,

U titgholla 'l fuq mill-gholjiet kollha

Minn Sijon johorgu t-Torah.

U l-kelma tal-Mulej minn Gerusalemm.

Ghad jaqta' s-sentenza bejn hafna popli

U jiddeciedi bejn gnus mbieghda

Huma jbiddlu x-xwabel taghhom f'sikek tal-mohriet,

U l-lanez taghhom fi mniegel.

L-ebda gens ma jerfa' s-sejf kontra gens iehor,

U s-sengha tal-glied ma jitghallmuhiex izjed.

Izda kull wiehed minnhom ghad joqghod

Jistrieh taht id-dielja u t-tina fil-gnien tieghu

U hadd ma jkollu izjed mnhiex jibza',

Ghaliex halq il-Mulej infetah,

U l-Mulej tal-Ezercti tkellem.

It-Torah tghallimna:

'Ma taghmilx deni lill-barrani li jterraq f'artek

Ghandek thobbu daqsek innifsek,

Ghax ahna konna ghorba f'art l-Egittu.

Jien il-Mulej, Alla tieghek.

Ma tobghodx lil huk f’qalbek.

Hobb lil garek bhalek innifsek.

Jiena l-Mulej.

*Kulhadd jiekol l-afikomen*

**Missier**

Issa niftakru fil-mejtin qaddisa taghna, li qabilna batew u qabilna ferhu fil-hniena tal-Mulej.

*Skiet*

**Missier**

Nghollu issa r-raba’ tazza. Nisimghu issa l-ahhar nisga ta’ tifhir.

**Omm**

L-erwieh tal-hajjin kollha, jberkuk Mulej, Alla taghna! Mhux li kien fommna mimli bil-ghana bhal ma l-bahar bl-ilma, mhux li kien l-ghajjat taghna bhall-hsejjes itarrxu ta’ l-imwieg tal-bahar, mhux li kien kliemna mimli tifhir daqs il-firxa tas-smewwiet, ghajnejna jleqqu daqs ix-xemx u l-qamar, idejna miftuha ’l fuq daqs gwienah l-ajkli fil-berah u l-ftuh, riglejna hfief daqs tac-criev. Xorta wahda, minkejja dan kollu, ma jkollnix hila bizzejjed biex inroddulek kemm jisthoqqlok tifhir, lilek, Alla taghna, Alla ta’ missirijietna, minn dejjem ta’ dejjem; jew biex inbierku l-Isem tieghek, mqar ghall-wahda minn elf mill-hafna eluf ta’ grazzji u gid li int tajt lill-poplu tieghek. Mbierek Ismek ghal dejjem ta’ dejjem, int wandek Kbir, Qaddis, Alla Setghani fis-sema u fuq l-art!

**Missier**

Ejjew, mela nixorbu r-raba’ tazza , it-tazza tal-helsien minn kollox ghal kulhadd!

**Flimkien**

Mbierek Int, Alla taghna, minn dejjem ta’ dejjem, Sultan tal-Holqien kollu, hallieq ta’ frott id-dielja. Uri hniena maghna, Alla taghna, minn dejjem ta’ dejjem, u fuq il-poplu tieghek Israel, fuq Gerusalemm il-belt tieghek, fuq Sijon, it-tabernaklu tal-Glorja tieghek. Gib is-sliem u l-helsien lill-popli kollha, ghax inti tajjeb, u trid il-gid lil kulhadd.

**Missier**

Temmejna t-tifkira ta’ l-Ghid. J’Allas-sena d-diehla, niccelebraw l-Ghid f dinja ta’ paci, f dinja ta’ helsien universali.

**Flimkien**

AMEN!

Is-sena d-diehla f’Gerusalemm. J’Alla jinfethu quddiemna t-triqat materjali u spiritwali ghal-Lhud mxerrda f’kull rokna ta’ l-art, b’mod specjali fejn it-triq hi iebsa. J’Alla ninghaqdu flimkien f’poplu wiehed skond ix-xewqa tal-Mulej, f’Gerusalemm. Illum hawn, is-sena d-diehla fGerusalemm.

AMEN! HALLELUJA!



Familja lhudija migbura madwar il-mejda tiehu sehem fic-cena ebrajka jew ikla paskwali.